**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 1**

Is-Sibt, 20 ta' Ġunju 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fil-11.04 a.m.

## ATTENDENZA

L-Onor. Janice Abela Chetcuti u l-Onor. Cressida Galea kienu assenti.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-Talba.

L-Iskrivan tal-Kamra qrat il-Proklama Numru IV tal-2026 datata 16 ta' Ġunju 2026 li tlaqqa' l-Ħmistax-il Parlament; ir-riżultat tal-Elezzjoni Ġenerali tat-30 ta' Mejju 2026, l-ismijiet tal-Membri eletti fil-31 ta' Mejju 2026 biex jimtlew il-postijiet addizzjonali ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati skont id-dispożizzjonijiet u għall-finijiet tal-proviso ta' Artikolu 52(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ir-riżultati tal-Elezzjonijiet Każwali li nżammu fit-12 u fis-16 ta' Ġunju 2026 biex jimtlew il-postijiet battala mħollija minn dawk il-Membri li telgħu minn żewġ distretti elettorali, u l-ismijiet tal-Membri eletti fis-16 ta' Ġunju 2026 biex jimtlew il-postijiet addizzjonali ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati skont id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 52A(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-Iskrivan tal-Kamra informat lill-Kamra li skont ftehim milħuq bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra, is-seduta kienet se tiġi trasmessa live mill-Public Broadcasting Services (PBS), b'kull stazzjon tat-televiżjoni jew internet service provider, jingħata feed mill-PBS mill-bidu tas-seduta sakemm jintemm id-diskors tal-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta.

Hija informat ukoll lill-Kamra li d-Dipartment tal-Informazzjoni kellu l-permess li jiġbed ritratti minn ġewwa l-Kamra waqt il-ġurament tal-Ispeaker, waqt li l-Onorevoli Membri jkunu qegħdin jieħdu l-ġurament, u mad-dħul tal-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta fil-Kamra, filwaqt li l-bqija tal-media kellha l-opportunità li tiġbed ritratti u filmati fil-bidu tad-Diskors tal-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta.

## ELEZZJONI TAL-ONOREVOLI SPEAKER

Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, ippropona lis-Sur Carmelo Abela bħala Speaker tal-Kamra tad-Deputati.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem.con.

Fil-11.11 a.m. il-Kamra kienet sospiża sakemm il-Prim Ministru, il-Kap tal-Oppożizzjoni u l-Iskrivan tal-Kamra jwasslu lill-Ispeaker sas-Sedja.

Fil-11.16 a.m. is-Sur Carmelo Abela twassal sas-Sedja mill-Prim Ministru, mill-Kap tal-Oppożizzjoni u mill-Iskrivan tal-Kamra, u s-Seduta rriżumiet.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ħa u ffirma l-Ġurament ta' Lealtà quddiem il-Kamra.

L-Ispeaker irringrazzja lill-Kamra.

**ELEZZJONI TA' DEPUTY SPEAKER**

Il-Prim Ministru ppropona lil Dottor Bernard Grech bħala Deputy Speaker tal-Kamra tad-Deputati.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Alex Borg, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**ĠURAMENT TA' LEALTÀ**

Il-Membri ħadu u ffirmaw il-Ġurament ta' Lealtà quddiem il-Kamra f'din l-ordni:

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela
Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Alex Borg
Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Ian Borg
Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet l-Onor. Owen Bonnici
Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja l-Onor. Michael Falzon
Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel l-Onor. Anton Refalo
Il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri
Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat l-Onor. Julia Farrugia
Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri
Il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport l-Onor. Byron Camilleri
Il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir l-Onor. Miriam Dalli
Il-Ministru għall-Finanzi l-Onor. Clyde Caruana
Il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima
Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol l-Onor. Jonathan Attard,
Il-Ministru għat Turiżmu l-Onor. Jo Etienne Abela
Il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli l-Onor. Chris Bonett
Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej l-Onor. Chris Fearne
Il-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Alison Zerafa Civelli
Il-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur l-Onor. Keith Azzopardi Tanti
Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà l-Onor. Glenn Bedingfield
Il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea
Il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali l-Onor. Omar Farrugia,
Il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili l-Onor. Rosianne Cutajar
Is-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Deo Debattista
Is-Segretarju Parlamentari għall-Ħarsien tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said
Id-Deputy Speaker l-Onor. Bernard Grech
L-Onor. Fleur Abela
L-Onor. Andrew Agius
L-Onor. Anthony Agius Decelis
L-Onor. Ramona Attard
L-Onor. Graziella Attard Previ
L-Onor. Clint Azzopardi Flores

L-Onor. Ivan Bartolo
L-Onor. Graham Bencini
L-Onor. Toni Bezzina
L-Onor. Bernice Bonello
L-Onor. Julian Borg
L-Onor. Rebekah Borg
L-Onor. Eve Borg Bonello
L-Onor. Yana Borg Debono Grech
L-Onor. Conrad Borg Manchè
L-Onor. Rebecca Buttigieg
L-Onor. Naomi Cachia
L-Onor. Miriana Calleja Testaferrata de Noto
L-Onor. John Baptist Camilleri
L-Onor. Norma Camilleri
L-Onor. Darren Carabott
L-Onor. Jerome Caruana Cilia
L-Onor. Ivan Castillo
L-Onor. Annabelle Cilia
L-Onor. Adrian Delia
L-Onor. Andy Ellul
L-Onor. Beppe Fenech Adami
L-Onor. Beppe Galea
L-Onor. Graziella Galea
L-Onor. Marilena Gauci
L-Onor. Joe Giglio
L-Onor. John Grech
L-Onor. Mariah Meli
L-Onor. Franco Mercieca
L-Onor. Paula Mifsud Bonnici
L-Onor. Alex Muscat
L-Onor. Alex Perici Calascione
L-Onor. Michael Piccinino
L-Onor. Mark Anthony Sammut
L-Onor. Deborah Schembri
L-Onor. Justin Schembri
L-Onor. Stephen Spiteri
L-Onor. Frank Anthony Tabone
L-Onor. Ian Vassallo
L-Onor. Nigel Vella
L-Onor. Julie Zahra
L-Onor. George Vital Zammit
L-Onor. Stanley Zammit
L-Onor. Francesca Zarb
L-Onor. Romilda Zarb

L-Ispeaker informa lill-Kamra li peress li l-Onor. Janice Abela Chetcuti u l-Onor. Cressida Galea ma setgħux ikunu preżenti għal din is-seduta, kienu se jkunu qed jieħdu l-ġurament ta' lealtà fl-ewwel opportunità.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1 Proklama Nru II tal-2026 datata 27 ta' April 2026 li xoljiet l-Erbatax-il Parlament;

| | |
|---|---|
| P.L. 2 | Proklama Nru IV tal-2026 datata 16 ta' Ġunju 2026 li laqqgħet il-Ħmistax-il Parlament; |
| P.L. 3 | Ir-riżultat tal-Elezzjoni Ġenerali tat-30 ta' Mejju 2026; |
| P.L. 4 | Ir-riżultat tal-Elezzjoni Każwali tat-12 ta' Ġunju 2026; |
| P.L. 5 | Ir-riżultat tal-Elezzjoni Każwali tas-16 ta' Ġunju 2026; |
| P.L. 6 | Dikjarazzjoni tar-Riżultat tal-votazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali dwar il-mili ta' postijiet addizzjonali ta' Membri Parlamentari skont id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 52(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u |
| P.L. 7 | Dikjarazzjoni tar-Riżultat tal-votazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali dwar il-mili ta' postijiet addizzjonali ta' Membri Parlamentari skont id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 52A(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. |

Il-Prim Ministru għarraf lill-Kamra li l-President ta' Malta kienet se tiddikjara fil-Kamra r-raġunijiet li għalihom ġie mlaqqa' l-Ħmistax-il Parlament.

F'12.37 p.m. is-seduta kienet sospiża u rriżumiet fis-12.59 p.m. meta l-Eċċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono, President ta' Malta, daħlet fil-Kamra tad-Deputati biex tagħmel id-diskors tagħha.

Kopja tad-diskors tal-President ta' Malta tqassmet lill-Onorevoli Membri.

Fis-1.43 p.m. il-President ta' Malta temmet id-diskors tagħha. Is-seduta kienet sospiża sakemm l-Ispeaker akkumpanja lill-President ta' Malta barra mill-Kamra, u s-seduta rriżumiet fis-1.51 p.m.

**AVVIŻ TA' MOZZJONI GĦAL INDIRIZZ LILL-PRESIDENT TA' MALTA BI TWEĠIBA GĦAD-DISKORS TAL-EĊĊELLENZA TAGĦHA**

L-Onor. Mariah Meli tat avviż ta' Mozzjoni għal Indirizz lill-President ta' Malta bi tweġiba għad-Diskors tal-Eċċellenza Tagħha.

L-Onor. Eve Borg Bonello tat avviż ta' emenda għall-Mozzjoni għal Indirizz lill-President ta' Malta bi tweġiba għad-Diskors tal-Eċċellenza Tagħha, li kienet se tressaq f'seduta oħra.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, talab il-permess tal-Kamra sabiex jitressqu seba' mozzjonijiet mingħajr avviż.

Il-permess ingħata.

**MOZZJONIJIET**

**ĦIN TAL-MISTOQSIJIET - MOZZJONI 4**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, ippropona:

Illi minkejja kull provvediment ieħor li hemm fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, il-mistoqsijiet li jidhru fuq l-aġenda ta' seduta jistgħu jsiru sa żmien nofs siegħa mill-ħin li fih tkun imsejħa biex tibda s-seduta.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**ASSENZA INEVITABBLI TAL-ONOREVOLI SPEAKER JEW TAL-PRESIDENT TAL-KUMITATI - MOZZJONI 5**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, jippropona:

Illi matul din il-Leġiżlatura:

(a) fil-każ tal-assenza inevitabbli tal-Ispeaker, min dak iż-żmien ikun Deputy Speaker jassumi l-kariga ta' Speaker bil-poteri u d-doveri kollha li jappartjenu għall-Uffiċċju ta' Speaker; u

(b) fil-każ tal-assenza inevitabbli tal-President tal-Kumitati, il-Viċi President tal-Kumitati jassumi l-kariga ta' President tal-Kumitati bil-poteri u d-doveri kollha li jappartjenu għall-Uffiċċju tal-President tal-Kumitati.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**IL-MINUTI U L-AĠENDA JSIRU BIL-MALTI BISS - MOZZJONI 6**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, jippropona:

Illi matul din il-Leġiżlatura, minkejja l-Ordni Permanenti 171 u kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti:

(a) il-Minuti tal-Proċeduri tal-Kamra; u
(b) l-Aġenda tas-Seduti tal-Kamra,

ikunu jistgħu jsiru bil-Malti biss.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**SOSPENSJONI TA' PARTI MILL-ORDNIJIET PERMANENTI 25 U 107 - MOZZJONI 7**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, jippropona:

Illi matul din il-Leġiżlatura l-Ordni Permanenti 25 – "L-istess mozzjoni ma tistax terġa' tiġi proposta fl-istess sessjoni" - u l-Ordni Permanenti 107 – "L-istess Abbozz ta' Liġi ma għandux jitressaq darbtejn fl-istess sessjoni" - huma sospiżi, flimkien ma' kull provvediment ieħor tal-Ordnijiet Permanenti li jmur kontra din is-sospensjoni.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**SOSPENSJONI TAL-ORDNI PERMANENTI 173 - MOZZJONI 8**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, ippropona:

Illi matul din il-Leġiżlatura l-Ordni Permanenti 173 ikun sospiż; u

Illi sakemm iddum din is-sospensjoni l-Ispeaker huwa awtorizzat li sa fejn jidhirlu possibbli jkun jista' jagħmel arranġamenti biex ikunu jistgħu jittieħdu d-dibattiti u d-diskussjonijiet kollha tal-Kamra tad-Deputati, u sa fejn id-dibattiti u d-diskussjonijiet jittieħdu skont dawn l-arranġamenti għandhom jikkostitwixxu l-ġurnali tal-Kamra tad-Deputati.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**ĦATRA TAL-KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA - MOZZJONI 9**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, ippropona:

Illi l-Kamra tad-Deputati,

Wara li rat l-Ordni Permanenti 120A(i) taħtar il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, li skont l-Ordni Permanenti 120C(5) ikun presedut mill-Ispeaker u skont l-Ordni Permanenti 120C(3) ikun kompost minn dawn il-Membri:

l-Onor. Ian Borg - Kap tal-Kamra
l-Onor. Naomi Cachia
l-Onor. Byron Camilleri
l-Onor. Ivan Castillo, u
l-Onor. Toni Bezzina.

B'dan illi kull naħa tal-Kamra jkollha d-dritt għas-sostituzzjoni tal-Membri msemmija kif provdut fl-istess Ordni Permanenti 120C(4).

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, talbet il-permess tal-Kamra sabiex tressaq mozzjoni tal-Ewwel Qari mingħajr avviż.

Il-permess ingħata.

**ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KOSTITUZZJONI TA' MALTA - MOZZJONI 10**

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, ipproponiet l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta.

Il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, l-Onor. Rosianne Cutajar, issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u biex tiżdied id-diżabilità bħala karatteristika protetta biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni skont id-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu garantiti mill-Kostituzzjoni ta' Malta" nqara l-ewwel darba.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-1.58 p.m. id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

Indirizz b'risposta għad-diskors tal-President ta' Malta.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa informa lill-Kamra li kien hemm qbil li sakemm il-Kamra ma tiddeċidix mod ieħor, limitatament għar-rigward tal-ħin li se tiltaqa' fih il-Kamra kif ukoll dwar it-tul tad-diskorsi, se jkunu qed jiġu applikati d-dispożizzjonijiet kontenuti fil-mozzjoni ta' proċedura li kienet fis-seħħ fl-aħħar leġiżlatura.

Huwa informa wkoll lill-Kamra li hemm qbil li fis-seduti tat-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa tal-ġimgħa li ġejja ma kienx se jkun hemm mistoqsijiet parlamentari fuq l-Aġenda u li dawn is-seduti jibdew fl-4.00 p.m. bil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun is-7.30 p.m. u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fis-1.59 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għat-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2026 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. CARMELO ABELA**
**SPEAKER**